MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2014

Numru. 444/1998

**Il-Pulizija**

**Supritendent Alexandra Mamo**

**VS**

**Martin Cilia, iben il-mejtin Emanuel u Filippa nee' Scerri, imwieled Zebbug nhar is-7 ta' Frar, 1965, residenti fil-fond numru 15, Saphire Court, St Francis Street, St Paul's Bay, detentur tal-karta tal-identita' numru 129265M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Martin Cilia** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

B’mezzi kontra l-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamel qliegh ta’ aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ghad-dannu tal-Buxom Poultry Products, l-Edible Oil Co Ltd, u persuni ohra, bi ksur tal-Artikoli 308 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, kif ukoll illi huwa ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. F’dan ir-rigward rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghal dawn il-proceduri.

Rat ukoll illi dawn il-proceduri damu snin kbar biex jinghalqu satne li hafna drabi l-imputat ma deherx, gieli anke ghax ma kixn notifikat.

Rat il-provi kollha migjuba li fis-succint taghhom jghidu dan. Fl-ewwel lok xehdet dak iz-zmien l-**Ispettur Alexandra**

**<u>Farrugia Mamo</u>** – qalet illi kienet irceviet kwerela minghand l-Avukatessa Sandra Caruana ghan-nom ta' Boxum Poultry Products Ltd. Kitbitilha fuq cekkijiet mahruga minn Cilia Martin ta' Buxom Fried Chicken, Zabbar Road, Fgura. Dawn ic-cekkijiet ma gewx onorati mill-bank. Xehdet illi sussegwentement irceviet kwerela ohra minn Edible Oil rigward allegat frodi ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00), cekkijiet ukoll moghtija mill-istess Cilia. Anke dawn ic-cekkijiet ma gewx onorati mill-bank. Irceviet rapport iehor minghand Pet Mate issa fl-ammont ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm144.00), cheque ukoll mahrug minn Cilia li wkoll ma ssarrafx, li gie ezebit bhala Dok AFM (folio 11).

Ezebiet ukoll il-kwerela mibghuta mill-Av Brincat bhala Dok AFM1 (folio 13).

**<u>Joseph Vassallo</u>** xehed illi hu biegh garaxx lill-imputat. Kien baqaghlu jaghtieh l-ammont ta' tminn mitt lira Maltin (Lm800.00). Qal illi dan ic-cekk baqa' ma ssarrafx u ghalhekk l-ammont imsemmi kien ghadu dovut minghand is-Sur Cilia. Xehed illi c-cheque kien datat 28 ta' Ottubru, 2006. Qal ukoll illi dan ic-cheque Cilia lilu kien tahulu bhala bilanc tal-prezz korrispettiv tal-bejgh tal-garaxx imsemmi.

Ezebixxa dan ic-cheque a folio 17 bhala Dok JV, bin-numru tal-bank, liema cheque kien '*referred to drawer*'.

**<u>Emanuel Darmanin</u>** in rapprezentenza ta' Pet Mate Malta, ukoll xehed dwar il-fatt illi l-imputat kien klijent tieghu. Hallsu b'cheque ghall-ammont ta' sebgha u sebghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm77.92), stante li dan gie referred to drawer mill-Bank of Valletta. Qal illi dan ic-cheque kien hlas ta' gaga li Cilia xtara minghand Pet Malta.

Qal illi nonostante li kien ikkuntattja lil Cilia ghal tliet (3) darbiet dwar dan ic-cheque, il-hlas tas-somma dovuta baqa' ma sarx. Prezenta c-cheque in kwistjoni bhala Dok ED a folio 20.

Aktar tard in kontro ezami qal illi Cilia kien fil-mori tal-proceduri hallsu bi flus kontanti.

**Gloria Borg** ghan-nom ta' Paxom (recte Buxom) Poultry, xehdet u kkonfermat illi l-imputat kien fil-fatt jixtri minghand is-socjeta' msemmija. Xehdet illi kienet hi li ghamlet rapport lill-pulizija dwar cekkijiet illi kienu bbawnsjaw, dawn mahrugin minn Martin Cilia ghal xiri ta' tigieg illi hu xtara minghand is-socjeta' msemmija.

Ezebiet hames (5) cekkijiet, Dok GB sa Dok GB4, cekkijiet li meta marru biex jissarrfu gew *referred to drawer*. Qalet dak iz-zmien illi kienet qed tixhed illi s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) kienet ghadha kollha dovuta. Qalet ukoll illi pero kien huha Edward Borg illi kien qed imexxi dawn il-claims, kif ukoll illi kien hemm anke pendenzi civili f'dan il-konfront.

Ammettiet illi Cilia kien hallas lil huha s-somma ta' mija u hames mitt lira Maltin (Lm150.00), pero dan fuq claim ohra pendenti bejniethom.

Mistoqsija aktar tard jekk fil-fatt l-imputat kinx hallas il-pendenzi li kellu ma' Buxom Poultry Ltd, wiegbet illi dan ma kinitx tafu u li kellu jwiegeb ghal dan huha Edward Borg.

In kontro ezami qalet illi sas-sena 2006 il-hlas kien ghadu ma sarx. Irriferiet hi ghal certu Mary Rose Baldacchino li kienet tiehu hsieb il-kumpanija ta' huha (mejjet) Edward Borg, dik kreditrici.

Minn naha taghha **Mary Rose Baldacchino** xehdet illi hi kellha varji rwoli fi hdan il-kumpanija Buxom Poultry Ltd, pero ma kinitx taf jekk il-flus dovuti kinux gew imhallsa. Semmiet lill-accountant tal-kumpanija f'certu zmien, Joe Aquilina, illi minn naha tieghu kien ukoll decedut.

**Dr Joseph Arrigo**, avukat tas-socjeta' Buxom Poultry xehed illi l-unika direttur taghha – Edward Borg, kien decedut. Dwar xi ammonti li setghu kienu dovuti minn Cilia lill-kumpanija msemmija ma kien jaf xejn.

**Peter Balzan** ghan-nom ta' Edible Oil qal illi hu kien ibiegh lill-imputat zejt u chips. Xehed dwar hlas b'cekkijiet illi rcieva minghand l-imputat ezebiti bhala Dok PB sa Dok PB7, illi tah l-imputat bi hlas, liema cekkijiet ma gewx imsarrfa ghax gew ritornati '*referred to drawer*'. Dawn l-ewwel tnejn kienu mahruga fuq kont f'isem Tucsan Fried Chicken. Aktar tard xehed illi hallsu minn kont bankarju iehor f'isem Mr & Mrs Cilia. Xehed illi anke meta mar jiddepozita dawn fid-data tal-maturita' taghhom, dawn ukoll gew lura bhala *referred to drawer*. Il-pendenzi li kellu l-imputat mal-kumpanija Edible Oil sa dak iz-zmien kienu ta' elf mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm1,137.00), b'dan pero li mill-ammont kellha titnehha s-somma ta' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm129.00) u erba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm420.00), cekkijiet mahruga darbtejn. Qabel mas-suggeriment tad-Difiza illi c-cekkijiet Dok PB 3 sa Dok PB 7 ma kinux iffirmati mill-imputat, pero nsista li kien tahomlu l-imputat bhala hlas.

F'xhieda ohra aktar tard in kontro ezami, ukoll in rapprezentanza ta' Edible Oil, xehed illi ma kien baqa' ebda pendenzi mal-imputat, cioe' kollox kien imhallas.

Da parti tieghu **Carmel Grima** qal illi hu kellu "*family concern*" u li Cilia l-imputat, xi xhur qabel kien mar fl-istess negozju u xtara xi *hangers* biex jirranga l-gallarija tieghu. Hallsu b'cheque ghall-ammont ta' mija u tminn liri Maltin (Lm108.00) mahrug minn kont tal-Bank of Valletta. Qal illi hu kien endorsja c-cheque lil Borg Cardona & Co Ltd, u li sussegwentement kien cempillu Stanley Borg Cardona li dan qallu li c-cheque kien qabez. Qal illi nonostante li l-imputat kien wieghdu l-hlas, dan qatt ma wasal u li l-ammont kien baqa' pendenti. Ezebixxa c-cheque bhala Dok CG (a folio 54, datat 15 ta' Mejju, 1998).

In kontro ezami, dejjem in rapprezentanza tal-hanut Pottery and Plants, issa lmenta dwar il-fatt illi spicca l-Qorti u li hu qatt ma kien talab illi jittiehdu proceduri kontra l-imputat. Qal illi l-ammont pero kien baqa' dovut. Qal illi Cilia kien tah hames liri Maltin (Lm5.00) mis-somma kollha. Qal illi Cilia kien tah xi flus minn dawk dovuti. Zied illi Cilia kien fil-fatt baqa' jigri ghal zmien warajh.

**Philip Attard** xehed illi Cilia kien hajru biex jixtri garaxx minghand certu Johnny. Qal illi b'hekk hu dahal f'att ta' konvenju ma' Cilia. Qal illi fuq dan l-att hallas lil Cilia s-somma ta' sitt mija u ghoxrin lira Maltin (Lm620.00), elf lira Maltin (Lm1,000.00) u elf lira Maltin (Lm1,000.00) ohra. Jghid illi komplessivament kien tah is-somma ta' elfejn sitt mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,620.00). Qal illi minn din is-somma hu gabar elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700.00)

minghand Johnny. Qal illi Cilia kien baqaghlu jaghtieh is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) inkluz l-interessi. Qal illi din is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) Cilia kien tahielu permezz ta' cheque datat 15 ta' Gunju, 1998. Qal illi meta mar il-bank biex isarraf l-istess dan baqa' ma ssarrafx. Ezebixxa dan ic-cheque bhala Dok PA.

Aktar tard xehed illi l-pendenzi bejniethom kienu gew solvuti.

**Ronald Galea** bhala managing director ta' FS Import Co Ltd ezebixxa zewg cekkijiet wiehed datat 28 ta' Settembru, 1997 u iehor datat 30 ta' Settembru, 1997, immarkati rispettivament bhala Dok RG u Dok RG1. Qal illi hu kien personalment mar isarraf l-istess cekkijiet il-bank, dawn gew *referred to drawer*. Qal illi dawn ic-cekkijiet Cilia kien tahomlu bhala hlas ta' *frozen foods*, invoice datata 6 ta' Settembru, 1997, ghall-ammont ta' sitta u sebghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm76.77); invoice ohra datata 12 ta' Awwissu, 1997 ghall-ammont ta' mija u erbatax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm114.14); invoice ohra datat 26 ta' Awwissu, 1997 ghall-ammont ta' tliet mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm323.60); invoice ohra datata 27 ta' Awwissu, ghall-ammont ta' erbgha u tmenin lira Maltin (Lm84.00); u ohra datata 11 ta' Settembru, 1997 ghall-ammont ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm234.19), ezebiti dawn bhal Dok FG2, 3, 4, 5, u 6. Qal illi l-ammont kollu kien ghadu dovut.

Mistoqsi in kontro ezami jekk qatt semax bl-isem ta' Robert Vella li kien jiehu hsieb il-hanut Tucsan Chicken, wiegeb fin-negattiv. Qal pero li l-arrangament li kellu ma' Cilia kien li jhallas ix-xoghol precedenti ma' xoghol gdid li jircievi. Qal illi nonostante li baqa' jaghti xi xoghol lil Cilia ghax talbu

biex jaghtieh cans, xorta kien kellem lill-Ispettur fl-ghassa. Qal illi ma kien ircieva ebda pagamenti tas-somma dovuta minghand l-imputat.

Ezebixxa wkoll ic-cekkijiet in kwistjoni bhala Dok RG u Dok RG1.

F'dan ir-rigward xehed anke certu **Mario Schembri**. Qal illi hu kien ibiegh it-tigieg u kien jahdem mal-Cold Stores. Kien ibiegh it-tigieg lil Cilia. Ikkonferma z-zewg cekkijiet Dok RG u Dok RG1. Kien hu li rcieva dawn ic-cekkijiet kif mibghut mill-imghallem tieghu. Qal illi hu kien kellem lil Cilia li kien qallu li kien ser jikklirja c-cekkijiet kif  appena jircievi l-flus.

L-**Ispettur Raymond D'Anastas** ezebixxa d-dokument RA, cheque ndirizzat lill-Kummissarju tal-Pulizija datat 20 ta' Jannar, 1998, mahrug minn Tucsan Fried Chicken ghall-ammont ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45.00), cheque dan mahrug minhabba towage ta' vettura JAZ096. Dan ic-cheque gie *referred to drawer*. Qal illi c-cheque hargu Martin Cilia.

Qal illi hu fuq dan ic-cheque personalment anke kellem lill-imputat li kkonfermalu li kien iffirma c-cheque hu.

Xehdu wkoll ir-rapprezentanti tal-bank.

Ghalhekk **Marica Mizzi**, clerk mal-Mid-Med Bank ezebiet *specimen signature* ta' Martin Cilia bhala Dok MM; Dok GS sa Dok GB4 cekkijiet minn kont 871001294 li jghajtu lil Martin Cilia. Qalet illi dawn ma gewx onorati mill-bank ghax ma kinx hemm fondi bizzejjed fil-kont. Qalet illi l-kont kien

fih bilanc ta’ tmintax-il lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm18.76) debit. Ezebiet ukoll l-*statement* tal-kont in kwistjoni tas-sena 1997 sa Marzu 1998, flimkien ma’ *update* tal-istess kont bhala Dok MM1 u Dok MM2. Qalet illi Cilia ma kellu ebda facilita’ ta’ *encroachment* fuq dan il-kont moghtija mill-bank.

Da parti tieghu **Kevin Barbara** ghan-nom tal-APS Bank xehed dwar il-kont bin-numru 11506830016, kont kurrenti mal-bank imsemmi - kont dan f’isem Martin Cilia li tieghu wkoll huwa l-firmatorju. Ezebixxa anke *true copy of the original specimen signature* ta’ Cilia bhala Dok KP. Gharaf ukoll id-dokument JV (a folio 9) bhala *cheque* mahrug mill-kont imsemmi. Ikkonferma li c-cheque kien *referred to drawer*, gialadarba fil-kont ma kinx hemm flus bizzejjed. Ezebixxa wkoll *statement of account* bhala Dok KB1.

Qal in kontro ezami li l-kont minn meta nfetah kwazi kien dejjem in debit – ghalkemm hu ma kinx dejjem qed jahdem fuqu. Ikkonferma li kien hemm notifikazzjoni minn naha tal-bank datata 29 ta’ Marzu, 1997, fejn il-bank kiteb lil Martin Cilia biex jissetilja l-bilanc ta’ mitejn u sittin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm260.92).

Mistoqsi mill-Avukat Difensur jekk mit-13 ta’ Lulju, 1996 sad-29 ta’ Marzu, 1997 kinx hemm komunikazzjoni bejn il-bank u Cilia biex dan jiddepozita l-flus, qal illi l-ewwel komunikazzjoni kienet dik indikata. Qal illi nonostante li l-kont gia’ kien *in debit* fid-data tat-13 ta’ Lulju, 1996, (vide Dok KB1) ma kinx jaf jekk kinx hemm xi notifikazzjoni dwar dan.

Qal ukoll illi minn meta l-bank gibed l-attenzjoni ta' Cilia dwar l-istat tal-kont, mid-data tad-29 ta' Marzu, 1997 huwa qatt ma hareg ebda cheque iehor minn dan il-kont.

Qal ukoll illi c-cheque in kwistjoni gie prezentat l-ewwel darba u ma ssarrafx ghax ma kinx hemm fondi fl-1 ta' Novembru, 1996, u wkoll fit-13 ta' Novembru, 1996.

Ghan-nom tal-Bank of Valletta xehed ukoll **Norman Rossignaud**, dan *assistant general manager* fil-fergha dak iz-zmien ta' San Gwann. Xehed fuq il-kont numru 16713312011, liema kont jghajjat lil Martin Cilia. Gharaf lill-imputat. Xehed illi l-firmatorju tal-kont kienu l-imputat u Robert Vella, partner fil-kumpanija Tucsan Fried Chicken. Muri Dok EV (folio 20), ikkonferma li kien cheque mahrug mill-kont imsemmi. Ikkonferma li dan kien kont kurrenti, u li dak iz-zmien illi nhareg ic-cheque li kien ser ikun *encroached*. Qal ukoll illi l-gurnata ta' qabel inhareg ic-cheque kien hemm flus bizzjjed biex jissarraf, pero meta gie prezentat ma kinx hemm ghax gew prezentati zewg cheques fl-istess gurnata.

Gharaf ukoll Dok BB1 u Dok BB2 (folio 10), dawn issa mahrugin minn fuq il-kont bin-numru 1670727023 li kien jghajjat ukoll lill-imputat ta' Tucsan Fried Chicken, Fgura, firmatarju l-istess imputat. Anke f'dan il-kaz ezebixxa l-*specimen signature* bhala Dok MR. Qal illi dan ukoll ma ssarrafx ghax gie *referred to drawer*. Ma kellux mieghu dan ix-xhud pero ebda statement fil-konfront ta' dan il-kont.

Mistoqsi issa dwar id-dokumenti EB3, EB4 u EB5 a folio 31 tal-atti, rigwardanti l-kont bin-numru 16712787016, qal illi dan kien kont illi kien jghajjat kemm lil Martin Cilia kifu koll lill-mara tieghu. Dan l-istess kien applikabbli ghal zewg

cekkijiet ohra gia' ezebiti bhala Dok EB4 u Dok EB5, u Dok EB6 u Dok EB7.

Dan ix-xhud Rossignaud Norman, ezebixxa wkoll bhala Dok NR1 l-*statement* ta' kont bin-numru 16713312011.

Aktar tard dan ix-xhud rega' ddepona u fuq domanda tal-Avukat Difensur qal illi l-bank ma kellu ebda proceduri kontra l-imputat. Qal illi l-imputat kien fil-fatt ghamel ipoteka fuq il-proprjeta' tieghu a favur il-bank ta' dak dovut lill-istess bank. Qal fil-fatt illi l-konjugi Cilia kienu sseparaw (b'kuntratt) u li l-imputat assuma d-dejn mal-Bank of Valletta mentri martu dak pendenti mal-Mid-Med Bank.

Kif gia' inghad aktar 'il fuq, l-imputat irrilaxxa stqarrija gia' ezebita mill-Ufficjal Prosekutur bhala Dok AFM a folio 11.

Qabel il-Qorti ma tghaddi biex tezamina l-kontenut tal-istess, taghmel referenza ghall-insenjament u dak stabbilit fid-decizjoni Kostituzzjonali ta' Charles Stevens Muscat kif giet aktar estiza u zviluppata, fil-kuncett ta' vulnerabbilita' fid-decizjoni ricenti moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt Dennis Theuma) vs Omar Psaila**" tal-20 ta' Gunju, 2014.

Hawn fit-tieni decizjoni msemmija, il-Qorti dwar il-vulnerabbilita' qalet hekk:

"*Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l pożizzjoni legali f'pajjizna għal dak li jirrigwardja*

*sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-ligi fl istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal- Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "John Attard vs L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant il-Qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:*

*"Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad Drittijiet tal- Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' Salduz:*

*". . . the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention."*

*Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il pożizzjoni estrema.*

*Kif ġja' kellha okkażjoni illi tosserva, din il-Qorti ttenni illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalita li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat:*

*dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogate tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abbużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-*

*istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat.*

*Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

L-esperjenza tal-imputat fin-negozju u l-eta' tieghu jwasslu lill-Qorti ghall-konkluzjoni li ma kinx ta' xi vulnerabbilita' fi zmien tat-tehid tal-istqarrija tant illi l-ammissibilita' taghha tista' b'xi mod jew iehor tippregudikah.

Ghalhekk tqis l-istess stqarrija bhala ammissibbli.

Fl-istqarrija jghid illi ghandu zewg hwienet Tucsan Fried Chicken, wiehed il-Fgura u l-iehor gewwa Paceville. Qal illi kellu kont mal-Bank of Valletta, issa maghluq, u kont mal-Mid-Med Bank li kien loan account. Kellu fuqhom cheque books - dak ta' San Gwann, Bank of Valletta, fuq Tuscan Fried Chicken; mentri tal-Mid-Med Bank fuq Martin Cilia on account of Tucsan Fried Chicken.

Qal illi l-firmatarju  kien hu ghat-tnejn.

Ikkonferma illi c-cheques pagabbli lill-kumpanija PPL - wiehed fl-ammont ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm420.00) u l-iehor fl-ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltin

(Lm120.00), datati rispettivament 28 ta' Novembru, 1997, u 20 ta' Novembru, 1997 kienu ffirmati minnu. Spjega li hu kien xtara food stuffs minghand il-kumpanija PPL ghal take-away u hallas dawn permezz tal-post-dated cheques illi kien qed jurieh l-Ispettur. Zied illi meta hareg dawn ic-cekkijiet kellu bizzejjed flus fil-kont, pero stante pagamenti ohra li ghamel, ma setghux jissarrfu.

Minn hames pagaementi ta' mitt(100) Ewro-il wiehed datati: 20 ta' Lulju, 1997, 27 ta' Lulju, 1997; 4 ta' Awwissu, 1997; 11 ta' Awwissu, 1997; u 18 ta' Awwissu, 1997, pagabbli lil Buxom Ltd mill-kont tal-Mid-Med. Ikkonferma li l-kitba u l-firma fuqhom kienu tieghu, u li harighom ukoll hu. Anke dawn ghal xiri ta' food stuffs ghal take-away.

Qal illi flus fil-kont meta harighom kien hemm ghax kienu post-dated. Qal ukoll illi kellu l-hsieb ihallas l-ammonti kollha.

Ghazel, maghluqa x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, ili jixhed viva voce.

Qal illi fis-sena 1996 kellu tliet(3) hwienet - tnejn(2) Fried Chicken Shops, u iehor Snack Bar. Zied illi kien anke jinnegozja fil-proprjeta', pero fis-sena 1996 jghid illi nqalaghtlu problema ta' separazzjoni ma' martu u ghalhekk mis-sena 1998 hu beda jmexxi l-hwienet tal-Fgura, u martu flimkien ma' missierha, ghax il-fond kien tal-missier, il-hanut ta' Haz Zabbar. Qal illi ghalhekk hu ma kellux x'jaqsam mal-hanut ta' Haz Zabbar. Ikkonferma li huwa kien jonfoq ghand Valhmor Borg annwalment is-somma ta' ghaxart elef lira

Maltin (Lm10,000.00). Kien jahdem mal-Bank of Valletta, San Gwann, u ma' dan jghid illi kellu overdraft ta' hamsa u sebghin elf lira Maltin (Lm75,000.00), anke ghaliex jghid illi kien jinnegozja fil-proprjeta' kellu anke sitt elef lira Maltin (Lm6,000.00) stokk ghall-hwienet.

Zied illi fis-sena 1996 meta nqala' l-incident, sab ghajnuma minghand is-Sur Rossignaud. Wahhal f'missier il-mara li c-cekkijiet ma kinux jissarrfu, xehed illi skondtu missier il-mara kien hedded lil Rossignaud jekk kienu ser jissarrfu c-cekkijiet. Qal ghalhekk illi c-cekijiet tas-supplierx ma gewx onorati. Qal illi kien ghalhekk illi kellu flusu mizmuma.

Qal illi ghajr ghat-tlitt mitt lira Maltin (Lm300.00) lil Valhmor Borg, kulhadd mill-kredituri tieghu kienu thallas, stante li kien wella l-hanut lil huh. Qal illi lil Valhmor Borg huh kien tah cheque ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000.00) u Edward Borg kien ta elf lira Maltin (Lm1,000.00) lura lil huh.

Qal illi barra s-separazzjoni personali kien anke ghamel proceduri ta' falliment.

Ikkonferma in kontro ezami li c-cekkijiet f'certu kazijiet kien firmatorju taghhom hu biss, ohrajn anke Robert Vella. Insista li meta hareg ic-cekkijiet kien kopert b'overdraft u ghalhekk ic-cekkijiet setghu jissarrfu.

Qal illi c-cekkijiet ma ssarrfux mhux ghax ma kinx hemm flus imma ghax waqfu l-kontijiet bankarji, skondtu bl-influwenza ta’ missier martu li ried jaghmillu l-hsara. Spjega wkoll illi hu kien johrog post-dated cheques anke bil-kuntentizza tas-suppliers tieghu li lilu kienu jafuh sew u kien bl-accettazzjoni taghhom li kien jigri dan. Zied pero li kien bl-instigazzjoni ta’ missier martu li dawn ic-cekkijiet bdew jigu prezentati l-banek spiss.

Hu l-imputat Frank Cilia kkonferma li hu kien ha n-negozju minghand huh bid-dejn ta’ hamsa u erbghin elf lira Maltin (Lm45,000.00). Hallas lill-kredituri tat-Tucsan Fried Chicken b’loan mal-Bank of Valletta, u ghahekk hallas lill-kredituri - fosthom somma lil Valhmor Borg, ghas-somma ta’ tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000.00) li skondtu Edward Borg tah lura s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00) talli hallas kontanti.

Semghet anke t-trattazzjonijiet tal-partijet wara li gew maghluqa l-provi.

Ikkunsidrat:

Illi certament il-Prosekuzzjoni ghandha ragun li taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet “*Willghouby vs Petroni*”. Verament biex jigi pruvat ir-reat ta’ truffa kkontemplat taht l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, jinhtieg jigu pruvati zewg elementi li jezistu - cioe’ l-ingann rizultanti tal-messa in scena mahluqa biex twassal ghal dan, u l-gwadann ghall-agent.

Rat u semghet il-Qorti, li l-Prosekuzzjoni ghamlet enfasi kbir fuq il-"*comtemporaneous gains*" - element necessarju biex jigi ppruvat ir-reat.

Pero l-Artikolu 308 ma jitkellimx fuq dan biss, jaqra:

"*Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq*

*ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.*"

Ghalhekk kif gia' suespost, jinhtieg illi ma' dan il-gwadann, anzi qabel u antecedent ghalih, mux bi zmien twil imma qabel il-gwadann, l-agent b'azzjonietu jkun qarraq lil terz b'tali mod, b'azzjonijiet hekk imsejha teatrali, illi jwassal ghal gwadann. Il-Ligi titkellem fuq kwalifiki foloz, qerq, ingann, ezistenza ta' intraprizi foloz, krediti immaginarji fost l-ohrajn. Fil-verita' pero, xejn minn dan ma gie pruvat mill-Prosekuzzjoni.

Gie ppruvat minnha li Martin Cilia kellu diffikultajiet finanzjarji, anke skondtu ghax kien ghaddej minn separazzjoni personali. Skondtu, dan mhux pruvat, bdew isirulu hafna vendikazzjonijiet. Zgur illi hu ma kinx qed ihallas b'mod effettiv. Lanqas ma nafu jekk kinx hemm encroachment proprja fuq xi kont. Jidher illi s-suppliers tieghu xorta baqghu

jaghtuh il-prodott anke jekk kellu problemi ta’ hlas, anke jekk baqa’ johrog cekkijiet, accettati post-dated, li gie jistghu jsiru certi anomaliji fil-kontijiet bankarji, ma jidhirx illi dan beda jaghmlu b’dak il-qerq, ingann teatrali, li trid il-Ligi fl-Artikolu 308. Lanqas per parentesi b’qerq semplici kkontemplat taht l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Thossha wkoll konfortata l-Qorti mill-fatt illi anke kif xehed hu, l-imputat, id-dejn li Cilia kellu mas-suppliers tieghu, kollu gie saldat.

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda tillibera lil Martin Cilia, in kwantu tqis illi r-reati addebitati ma gewx sufficjentement pruvati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------